Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IT-TMIEN LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 7
# Tnejn 11 ta'Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Vici Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier (Hareg 08:05pm)
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Dahlet 06:05pm)

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**7.1 Qari tal-ittri, ta’ apoloġija fil- Minuti;**

07.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsilliera preżenti, li ma kellux ittri ta'apoloġija.

**7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

7.2.01 Il-Minuti ta’ Seduta L8-05 ittieħdu bħala moqrija, u kien hemm korrezzjoni fil- minuti 05.4.11.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

7.2.02 Il-Minuti ta’ Seduta L8-06 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**7.3 Komunikazzjoni, mis- Sinjura Sindku;**

7.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mingħand l-Arċipriet tal- Imsida dwar il-Purċissjoni tal- Festa tal- Kunċizzjoni.

7.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mingħand is-Superjur u l-Membri, tal-MUSEUM dwar il-Purċissjoni tradizjonali ta' Ġesù' Bambin.

7.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari AKL 2019/120 mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali, dwar l-azzjoni li qed tieħu l-assoċjazzjoni. Għall-Ittra mil-Public Contract Review Board dwar il-Kuntratt għall-Bus Shelter.

7.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari AKL 2019/ 123 mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali għall-talba mill-Mużew tal- Gwerra għall- Informazzjoni dwar il-lokalita’ fi zmien il-Gwerra fejn talbet lil min mill-Kunsilliera preżenti, jista’ jgħaddi xi tip ta' informazzjoni lill-Mużew.

Is-Sur Maurice Agius wieġeb li għandu xi dettalji li jista’ jgħaddi.

7.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari CIR AKL 2019/ 129 mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali fejn tat dettalji dwar attivitajiet relatati mal- Passaport tal-Anzjani organizzat mill- Heritage Malta u korrispondenza mir-Reġjun Ċentrali dwar trasport organizzat mir-Reġjun għal dawn l-attivitajiet.

7.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Skema 2 / 2019 mir- Reġjun Ċentrali dwar għajnuna finanzjarja lill-Għaqdiet u tgħat id-dettalji fejn l-għaqdiet se jiġu mgħarrfa bil-kundizzjonijiet biex għaqda jew numru ta' għaqdiet ikunu jistgħu jipparteċipaw permezz ta'proġetti tagħhom u jibbenefikaw skond il-kriterji tal-iskema għall- proġett jew numru ta' proġetti magħżul jew magħżula mil-Kunsill sa' massimu ta'€2000 bejniethom.

7.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda tagħrif dwar Attività' Kulturali Ċiniża, fejn għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li offriet flimkien mal-Kunsilli lokali tal-Qrendi u Żurrieq biex din tkun tista' ssir ġol-binja tal-Kunsill.

7.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill- MPS fejn is- Sinjura Jude Sciberras, kienet qed tieħu ħsieb biex flimkien ma' xi attività tal-Kunsill ikun hemm possibilità li ssir kampanja edukattiva dwar l- ilma

Is-Sinjura Jude Sciberras tat spjega qasira dwar x'tikkonsisti l-Kampanja Edukattiva dwar l- ilma, filwaqt li l-Kunsill se jieħu nota biex din ssir ma' xi attivitajiet li jista' jkun hemm il' quddiem.

7.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill- Malta Olmpyic Commitee dwar MOC Sports Awards. Hi talbet lill- Kunsilliera preżenti biex jekk għandhom xi persuna li tista' tiġi nominata', ghandhom iwasslu il-proposti tagħhom.

7.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill-Health Primary Care fejn qed jesprimu l-apprezzament lill-Kunsill għall- użu tal- Board Room u il-Berġa għall- Podiatry Clinic Sessions li se jibdew matul il-ġimgħa kurrenti.

7.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill- Person with disability and Active Ageing dwar Premju Soċjetà' Ġusta, u talbet lill- Kunsilliera preżenti biex jekk għandhom xi persuna li tista' tiġi nominata' biex iwasslu il-proposti tagħhom.

7.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lill- TM dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill għall- Traffic Managment propost minn Triq Tas- Sliema sal- Gżira.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li għadha ma ġietx risposta.

7.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill- Ministeru tal- Ġustizzja u l- Kultura u l-Gvern Lokal dwar l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kunsill. Għal Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Reġjonali f' Ċentri tal-Komunità', SPI 10/2019.

7.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, talba għal Kjosk ġo Triq il- Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn it-tip ta' permessi ma jinħarġux mill- Kunsill.

7.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta'sejħa ta'interess għar-residenti tas-Swatar (l-Imsida) biex ikunu membri ta' Sotto-Kumitat fis- Swatar
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm żewġ residenti li wrew interess.

7.4.01 B'referenza għall- minuti 5.4.01 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill- Assoċjazzjoni Kunsill Lokali fejn għarrfet lill- kunsilliera preżenti dwar l-approvazzjoni tal- inizjattivi u proposti mill- Kunsill għal finanzjament iffinanzjati tal- Aġenzija LESA.

**7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

7.4.01 B'referenza għall- minuti 5.4.03, Is-sur Maurice Agius tkellem fuq il-knis li qed ssir taħt il-bankina iżda mhux fuq il-wiċċ tal-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kummenti naqsu ħafna fejn għadhom qed ssiru spezzjonijiet, qed dejjem jintbagħat rapport lill kuntrattur biex jieħu ħsieb. Dawn se jkun jista' ssir aħjar meta il-Contracts Manager jibda f'Diċembru, kif ġa spjegat se jmexxi b' spezzjonijiet fil-ġurnata, bejn ir-rappreżentant tal-Kunsill u il-Forman tal- Kuntrattur.

7.4.02 B'referenza għall- minuti 5.4.04 dwar verifika, tal-kontijiet tal-Kuntrattur. Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx xi żmien stipulat biex il-Perit jagħmel il-verifika.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mal-Perit ftiehem biex ssir il verifika iżda ma hemmx xi żmien stipulat biss qed jara li dawn ikunu lesti fil-viċin ħalli jkun jista' imexxi skond dak li jirriżulta' ħalli jagħlaq numru ta'kontijiet pendenti, biex jkun jista' jiġbor il-fondi mill- PA għal xogħol fi Triq il-Baċir ,Triq it-Tabib R.Naudi u ssiru kontijiet lill- IM għall Triq D'Argens.

7.4.03 B'referenza għal minuti 5.4.06. Is-Sur Maurice Agius qal li sitwazzjoni baqgħet l-stess fejn Il- l-kuntrattur għadu ma għamel xejn dwar il-bankina temporanja ġo Triq Clarence.

7.4.04 B'referenza għall minuti 5.4.09, dwar it-talba fuq il-bankina fi Triq l-Irmiġġ, is-Sur Maurice Agius qal li resident qed jara il-possibilità li jkun stallat lifter żgħir iżda jista' jkun hemm bżonn issir xogħol fil-bankina biex il-pletform ma tkunx il' fuq mill- wiċċ tal-bankina.
Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sakemm imiss il-wiċċ biss tal-bankina u ma jkunx hemm element ta'periklu ma jaħsibx li jkun hemm problemi biss hemm bżonn ta' aktar dettalji fuq dak li se jsir, biex ikun jista' jara minn hemm.

7.4.05 B'referenza għal minuti 5.5.01. Is-Sur Emanuel Brincat, staqsa dwar il-memento żgħir lill Club tal-Boċċi, bħala apprezzament lit-team għar- rebħ tal-kampjonat.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa ra xi samples iżda għadu ma ġiex ordnat minħabba li għadu ma jafx liema se jagħżel u m'għandux il-messaġġ għal fuqu.

7.4.06 B'referenza għall minuti 5.5.02 dwar persuna ġo Triq Box Box li għandha bżonn u applikat ma TM għal disabled parking. Is-Sur Emanuel Brincat qal li dan sar temporanju sakemm tittieħed deċiżjoni, u jkun approvat min TM.

7.4.07 B’referenza għall minuti 5.5.05 Is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jkun lest il-gutter li kellu ssir mill- Ħaddiema tal-Kunsill ġo Triq Victor Denaro.
Is-Segretarju wieġeb li jinsab nfurmat li dan lest.

7.4.08 B’referenza għall-minuti 06.1.01 is-Sinjura Judy Sciberras għamlet kjarifika għala ma'attendietx għas-seduta L8-05, u li bagħtet messaġġ fil-ġurnata li saret is-seduta.
Is-Segretarju wieġeb li għalkemm jikkonferma li ġie notifikat fil-ġurnata din waslet tard  wara li spiċċat is-seduta u għalhekk ma tistax titqies bħala ittra ta'apoloġija.

7.4.09 B’referenza għall minuti 06.4.01 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem staqsa dwar il- verifika fuq reserved parking ġo Triq it -Torri msemmi waqt din il-laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għada ma saritx verifika oħra mal-awtorità biex ikun aċċertat sew.

7.4.10 B’referenza għall-minuti 06.5.13 staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar proposta tal- IM  għall-traffic management ġdid fl-inħawi ta' Msida Circus u Skate Park.
Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill-Kunsilliera preżenti, li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb iżda sal-ġurnata ma kienx hemm risposta.

7.4.11 B’referenza għall- minuti 06.5.14 dwar l-alignment ta' Triq propost faċċata tal-Museum tas-Subien ġo Triq Xatt l-Imsida. Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill Kunsilliera preżenti li saret l-oġġezzjoni mal- Awtorità fuq il-pjan propost.

7.4.12 B’referenza għall minuti 06.5.16 dwar dawl ġdid go Triq F.S.Caruana c/m D'Argens is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk ntalabx il-permess lis-sid biex teħel mal-faċċata.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din għadha pendenti.

**7.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

7.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet talba mingħand il-Kumitat Festa Esterna San Ġużepp Imsida għal laqgħa mal-Kunsill Lokali.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-laqgħa għanda ssir fil-bidu ta' 2020.

7.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba għall għajnuna mingħand kumitat Għaqda Melita' Banda San Ġużepp għass-sehem tal-Banda fil-purċissjoni tal-Bambin iżda osservat li l-kunsill mhux msemmi mkien fil-programm. Fl-ahhar snin il-kunsill dejjem kien involut direttament fl- organizzazzjoni fejn ħa ħsieb il-loġistika flimkien mal-banda għall -kunċert f'lejliet il-Milied wara il-purċissjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew li l-purċissjoni hija attività separata , filwaqt li l-kunsill jieħu ħsieb biss meta jkun direttament involut fl-organizzazzjoni tal-kunċert.

7.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet talba mill-Għaqda Melita' Banda San Ġużepp biex jintuża il-vann tal-Kunsill għat-tqassim tar- rigali tal-Milied fil-lokalita'.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew l-attività u qabblu unanimament li jintuża il-van għal din l-attività sakemm ikun misjuq minn impjegat tal-Kunsill fil-konfini tal-Lokalita' biss.

7.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet ċirkulari CIR AKL 2019 / 124 mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali dwar Jum Dinji ta' Tfal biex jekk hu possibbli il-Kunsill jikkunsidra li jagħmel attività relatata.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie osservat li ma kienx għad fadal żmien biżżejjed biex din tkun organizzata.

7.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Skema 1/ 2019 Għajnuna Finanzjarja għal Milied mir-Reġjun Ċentrali, fejn spjegat il-kriterji li fihom il-Kunsill jista' japplika sa' massimu ta'€2500.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din is-sena kien propost li jkun hemm aktar toroq inklużi.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu unanimament biex il-Kunsill japplika għall €2500 għajnuna għat-tiżjin ta'toroq.

7.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda żewġt stimi (A) u (B) għall armar u tiżjin tal-Milied fit-toroq, fejn hemm inkluża wkoll Triq il-Prinċipessa Margaret.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament mal-orħos stima (B) għat-total ta' €7200 li se jkunu koperti €2500 minn skema, għajnuna għat-tiżjin ta'toroq u €4700 mill-fondi lokali.

7.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda tagħrif dwar Korsijiet ta'  Cyber Security għall- familja li se jkunu organizzati mir-Reġjun Ċentrali.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li attenda għal laqgħa ta'tagħrif flimkien mas- Sur Maurice Agius fejn ra l-possibilità li l-Kunsill ikun jista' jilqa' wieħed jew aktar minn dawn il-gruppi ġol-binja tal-Kunsill , sakemm ikun hemm faċilita' ta'network port addattata. Fil-fehma tiegħu il-Kunsill jista' jkun eliġibbli b' spiża minima li tista' sservi għal inizjattivi simili fil-quddiem.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu unanimament li meta r-Regjun iħabbar id-dati tal-gruppi il-Kunsill joffri il-faċilita'.

7.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza bejn is-Segretarju Eżekuttiv u TM dwar ħsarat bankina fejn stage ġo Triq il- Kunċizzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv, spjega li l-bankina ġarrbet ħsarat bosta drabi minħabba li tal-linja kienu jolqtu il-kurduna bir-roti. Barra li sar rapport ta' dan lill-TM u għalkemm li din hija triq arterjali xorta ordna biex terga ssir tiswija ħalli jiġi eliminat kull periklu għall passiġġieri , filwaqt li saru plastic bollards biex s-servu bħala marka. Tal-linja oġġezzjonat għal dawn għax fl-opinjoni tagħhom dawn huma ta'xkiel u għalhekk dawn il-bollards issa ż-żżarmaw. Jekk jerġa' ikun hemm ħsara lill bankina se jagħmel rapport u se jħalli li jieħdu ħsieb huma biex ssir tiswija.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

7.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill-Kerygma dwar Premju Żagħżugħ ta' Sena 2019, u pproponiet lis-Sur Jean Claude Borg għal ħidma li jagħmel fi ħdan il-lokalita' għal għaqda tal-Banda u l-festa lokali. Is-Sur Maurice Agius sekonda il-proposta u l-Kunsilliera preżenti qabblu unanimament.

7.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima biex jinbidlu il-ħames fanali antiki ġo Triq Oscar Żammit.,inkluż is-sistema ta'dawl li hemm kif propost fil-pjan ta'ħidma.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li waslet proposta waħda għal-fanali skond il-kriterji għal dawl fit-toroq mitluba mill PA. Din tammonta €680 għal kull fanal inkluż lt-tqegħid u tinbidel is-sistema ta'dawl ma waħda ġdida għal €16.06 il-metru inkluż VAT.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament biex ssir l-ordni għal- installazzjoni tal-fanali.

7.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda proposti biex jinbidlu l-erbgħa fanali solari li mhux effettivi ġo Misraħ San Ġużepp, ma' fanali oħra b' dawl normali u addattat biex jixgħel il-Pjazza.
Il-Kunsilliera preżenti raw u ddiskutew il-proposti fejn qabblu li disinn mhux addattat għall Pjazza, u iddeċidew li jintalbu aktar proposti.

7.5.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, offerta ta' pjanti minn grupp ambjentali.
Is-Sur Alfred Farrugia spjega li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhu laqgħa mar- appreżentant ta' grupp '' Grow 10 Trees ''. Fejn l-membri u tfal ta'skejjel jkabbru pjanti minn żerriegħa tas-siġar indiġeni b' snin kbar u stabbiliti , sakemm jasal iż-żmien biex jitħawlu go postijiet addattati fil-lokalitajiet u zoni oħra indikati mil-awtoritajiet responsabbli. Waqt il-laqgħa ġew proposti Msida Circus, u central strips ta'Swatar.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw il-proposti unanimament.

7.5.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba ghal- kumpens minn persuna li allegat li kellha aċċident minħabba ħofra taħt bankina fi' Triq l-Imħallef Pawlu Debono.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li saret spezzjoni fuq il-post u ma kienx hemm ħofor iżda ħsara fil-bankina li setgħet ġiet kawżata minn dħul jew ħruġ ta'vetturi għal ġol- garaxx. Fejn hemm ukoll xogħol minn xi Kuntrattur mhux magħruf għall servizzi u trinka antika ħierġa san- naħa opposta ta'triq li mhux mgħottija sew jew niżlet biz-żmien. Il-Kunsill ħa ħsieb biex jirranġa kif jista' . It-talba hija għall spejjeż ta'mediċina u mhux ammont kbir iżda xorta jissuġġerixxi, li l-kunsill jieħu parir mingħand l-Avukat.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

7.5.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ftehim għal Video on Demand Live Stream kif obbligat mill liġi.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan il-ftehim se jkun qed jibdel il-ftehim ta'servizz kurrenti li jammonta għall €1000 fis-sena għal wieħed fuq is-sistema mitluba u faċilita ta'sit fejn ikun hemm ir-recording ta'seduta b'aċċess għaliha. Din is-sistema tiswa €250 għal darba biex tkun stallat software u €1050 fis-sena għas- servizz.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

7.5.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill-Università għall talba biex teħel tabella, direzzjonali ġo Misraħ San Ġużepp , bħala parti minn proġett tal-Università Walking and Cycling.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn huma tabelli direzzjonali fejn jagħtu indikazzjoni għall 4 postijiet differenti, u nformazzjoni oħra bħal Google maps biex in-nies ikunu ggwidati. Din it-tabella hija proposta biex teħel viċin il-pedestrian crossing ħdejn il-Knisja.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

7.5.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda petizzjoni minn residenti biex issir Triq San' Andrija one way l-isfel fejn spjegat li din ġa kien hemm no objection minn TM, u kienet mqassma notifika għall opinjoni tar-residenti. Kien hemm min jaqbel u min ma jaqbilx għall raġunijiet differenti inkluż id-direzzjoni li din għanda tkun. Il-proposta oriġinali tal-Kunsill kienet li direzzjoni minn Triq Sant' Andrija tkun tinżel l-isfel u tibqa għaddejja min l-ewwel parti ta' triq Innocenz Żammit k/m ma' Triq Famucelli u toħroġ minn Triq it-Torri.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu biex din il-proposta tkun diskussa aktar fid-dettal f'seduta oħra, aktar il-quddiem.

7.5.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja biex jiġġedded il-ftehim għas-servizz ta'sigurtà fuq trasferiment għal bank.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

7.5.18 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-attività' tal-Milied għal Kunsilliera w l- impjegati. Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu biex din ssir l-ewwel Sibt ta'Jannar 2020.

7.5.19 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-followup ta'rapporti jew talbiet minħabba li qed ikun hemm ċertu dewmien biex ssir ċertu xogħol.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li meta tqabbel il-lista ta'talbiet bħal ma kien ġa tkellem f'seduti oħra mal-kapaċitajiet tal-ħaddiema assenjati biex jagħmlu ċertu xogħol li-hija limitata, kollox iddur u jiddependi mill-persuna nkarigata minnhom. Il-Ħaddiema xorta qed jagħmlu, numru ta'xogħol siewi fil-kapaċità tagħhom, biss meta l-persuna nkarigata ma' tkunx xogħol għal xi raġuni ċertu xogħol ma jkunx jista' ssir minħabba, il-limitazzjonijiet msemmija.

7.5.20 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar laqgħa li kien hemm flimkien ma-Segretarju Eżekuttiv u Is-Sur Emanuel Brincat, mal-Perit ġo Swatar biex ssiru aktar proposti għall- tisbiħ u aċċess għall pubbliku fiz-zona fejn qed ssir l-afforestazzjoni.

7.5.21 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk jistgħux jsiru, riklami fuq il-kalendarju.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan jista' ssir sakemm jasal qabel ma ssir l-ordni.

7.5.22 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar persuna bi bżonnijiet speċjali li għamlet applikazzjoni għall disabled parking ġo Triq Xatt l-Imsida fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra u japprova li ssir reserved temporanja sakemm din tkun approvata. Hawn kompla jispjega li se jitlob skuża, u ma jieħux sehem fid-diskussjoni minħabba konflitt ta'interess.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li ssir reserved parking temporanju sakemm it-talba tkun approvata minn TM, bil-kundizzjoni li din ma tibqax hemm jekk ma jkunx approvat.

7.5.23 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-Kappella tal-Kunċizzjoni u staqsa x' hemm bżonn ssir biex ssiru xi tabelli indikattiv biex tasal għaliha.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jiċċekkja, fuq din it-talba mall-awtorità responsabbli imbagħad imexxi min hemm.

7.5.24 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem fuq blu badge holder li talab biex ikun hemm comunal disabled parking ġo Misraħ il-barrieri flok japplika għall waħda għalih. Hu staqsa jekk jistax il-Kunsill japplika għall comunal disabled parking fin-nofs, ġo Misraħ il-Barrieri k/m Triq Ċensu Farrugia.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ġa hemm disabled parking oħra ftit passi il-bogħod, li din xorta tista' tintuża minn kull Blu badge holder.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għalkemm persuna tkun Blu badge holder xorta hemm ċertu kriterji biex applikazzjoni tkun approvata.
Il-Kunsill ddiskuta fejn ġie deċiż li xorta għanda ssir applikazzjoni għall kunsiderazzjoni ta'TM.

7.5.25 Is-Sur Charles Selvaggi poġġa fuq il-mejda ittra mingħand resident jilmenta' fuq in-nuqqas ta'parkeġġ u qed jitlob biex il-kunsill jimplimenta residential parking. Hawn kompla jispjega li għalkemm fl-ahhar snin saru diversi diskussjonijiet fil-Kunsill u anke saru talbiet lill-Gvern biex japprova ,dawn ma ġewx approvati minħabba li l-Gvern friża kull proċess fuqhom sakemm jiddeċidi jekk dawn għandhomx jibqgħu jew le. Issa għaddew aktar minn sitt snin u wara dan iż-żmien kollu talab lill Kunsill, biex jieħu pożizzjoni u jerġa jikteb lill Kabinett biex jieħu deċiżjoni. Għax ma jistax jaċetta' li lokalitajiet għandhom, u oħrajn ma'jistax ikollhom <għalhekk ppropona li ssir press release>.

Mizjuda: <għalhekk ppropona li ssir press release>

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għalkemm fil-prinċipju hija favur, il-kabinett kien ġa ta'risposta tiegħu, fejn ma taħsibx li se tinbidel id-deċiżjoni .

Is-Sur Emmanuel Brincat ppropona biex ssir laqgħa oħra, mall-awtorità konċernata ħalli jintalbu linji gwida.
Is-Sur Jean Claude Borg qal li huwa ma jaqbilx, ma'residential parking go l-ebda lokalita' għax kull min iħallas liċenzja għandu dritt għall parkeġġ pubbliku.
Is-Sinjura Jude Sciberras staqsiet jekk hux possibbli li tinfetaħ l-skola għall parkeġġ ta' residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din it-talba kienet ġa saret.

7.5.26 Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk ma l-ittra lill għaqdiet jistax ikun inkluż inizjattiva għal għoti ta'demm.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ittra li se jibgħat il-Kunsill hija spjega ta'regolamenti u funzjonijiet tal-Kunsill. Biss din tista' tkun inkluża ma' korrispondenza oħra ġa pjanata jew bħala suġġett għalih.

7.5.27 Is-Sur Jean Claude Borg, staqsa dwar is-sehem tal- għaqdiet lokali u l-Kunsill fl-attivitajiet.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-attività, trid tkun tal-Kunsill skond il-pjan ta'ħidma bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet .

7.5.28 Is-Sur Jean Claude Borg staqsa, jekk jistax ssir dawl fuq il-pedestrian crossing ta'triq il-Baċir għax ma tidhirx.
Is-Sur Maurice Agius ppropona biex din tinżel l-isfel.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dwar id-dawl hemm problema għax ma hemmx wisgħa fuq il-bankina, għal belisha lights u ma jistax jaqbad u jmexxi din l-isfel qabel ma din tkun approvata min TM. Iżda fl-immedjat se jipprova jara jekk hux possibbli li l-ewwel ssir iż-żebgħa, għalkemm fuq konkos ma tantx iddum u forsi jeħlu tabelli aktar il-fuq biex jindikaw li hemm pedestrian crossing fil-viċin.

7.5.29 Is-Sur Jean Claude Borg għarraf u ta'dettalji lill-Kunsilliera preżenti dwar l-attività li se ssir fit-8 ta'Diċembru.

7.5.30 Is-Sur Nicholas Joseph Chircop tkellem dwar Fitness Classes għar-residenti b'xejn u dwar attività tal-Milied għat-tfal.

7.5.31 Is-Sinjura Romina Galea għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li Miss Msida tixtieq tiltaqa' mal-Kunsilliera meta jkun hemm xi attività.

7.5.32 Is-Sinjura Romina Galea għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li l-Isqof Awżiljarju se jagħmel żjara fiċ-ċentru għall- anzjani fis-27 ta'Novembru fil -11:00am u talbet lill min ikun jista' biex jattendi.

7.5.33 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ppproponiet li l-attività għall- għaqdiet lokali ssir fis-16 ta'Diċembru.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-tkun okkażjoni tajba biex jiġi preżentat il- memento lill- Club tal-Boċċi bħala apprezzament għar- rebħ tal-kampjunat. Tkun ukoll okkażjoni tajba biex tattendi Miss Msida.

## 7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Financial indicators

7.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 3rd Qtr : Financial indicators 1st Jan to 30th September 2019 ,fejn spjega li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b' assi kurrenti ta' € 417,423. Meta mqabbel ma' ħlas dovut ta' €150,179 jibqa' kapital ta' €267,244 biex jaħdem , jew bilanċ pożittiv ta' 43% li kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja. Dan ifisser li jekk ikun mwarrab l-ammont pjanat ta' €156,549 bħala riserva biex jagħmel tajjeb u jevita problema ta' cash flow meta ssir ħlas għall- proġetti finanzjati minn fondi oħra li ma jiġux mgħoddija mal-ewwel xorta jibqa' kapital ta' €110,695 biex jaħdem jew kważi 18% . Ma dan kompla jispjega li jekk il-Kunsill jikkunsidra iħallas il-bilanċ €81,152.97 dovut fuq is-self li fadal mall-bank jista' jiffranka €260 l-interessi kull xahar li jistgħu jintużaw f'affarijiet oħra.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u għal- mument ma ħadux deċiżjoni fuq il-ħlas ta'self u approvaw ir-rapport unanimament.

## 7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

7.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-07 ta' ħlasijiet bejn Is-15 ta'Ottubru u 6 ta'Novembru għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Nicholas Joseph Chircop u s-sekondat mis-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

## 7.8 Tmiem tal-laqgħa, u data tas-seduta li jmiss.

Minuti konfermati, illum 16 ta Diċembru 2019.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |